# F'LEJL SAJFI

*Ta' P. FELIĊ SAMMUT O.F.M. Conv.*

F'lejl sajfi — t'Awissu — kont rieqed f'kamarti:
Is-sħana qajmitni — wis-sodda ħallejt;
L-arloġġ kien jurini — li l-ħdax kienu daqqu;
Riġlejja kaxkruni — lejn tarag il-bejt.

Taħt sema kaħlani — imżejjen bil-kwiekeb.
Inxtħett fuq friex iebes — nitħenna fil-kwiet
Bil-ġmiel u bil-kobor — tal-ħlejjaq madwari;
Iż-żiffa bis-sirda — tgħaxxaqni kompliet.

O Alla, ja Sidi — Sbuħitek għaġġbitni . . .
Għax b'idek setgħana — Int kollox sawwart!
Għal dan ġieh inroddloK — u 'l ħlejjaq nistieden
Biex ħajr lileK jagħtu — fis-sema u fuq l-art.

Il-ħin malajr għadda — u le jarġa' lura:
Sagħtejn ta' lejl hiemed bħal leħħa għaddew;
Tifkirthom f'dal-veres — fettilli li nħarbex,
Biex f'moħħi jitnaqqxu u qatt ma jintsew.

Burmarrad, bil-lejl: 16-17 ta' Awissu, 1966.